# Qorti tal-Appell Kriminali

Onor. Imhallef Giovanni M Grixti LL.M., LL.D

Appell Nru. 58/2016

**Il-Pulizija**

**(Spettur Nadia Helena Vella)**

**vs**

**Jason Paul Ciantar**

Seduta tas-26 t'April, 2018

**Il-Qorti;**

Rat l-imputazzjonijiet dedotti kontra l-appellant, Jason Paul Ciantar, detentur tal-karta tal-identita' Maltija bin-numru 534588M quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali talli fid-29 ta' Lulju, 2015 ghal habta ta' 16:00hrs fi Triq Dun Karm Psaila :

1. Naqas li jara li jintuzaw pjanci 'Trial Run' wahda fuq quddiem tal-vettura u l-ohra fuq in-naha ta' wara tal-vettura;

2. Naqas li jobdi l-ordnijiet legittimi mghotija lilu mill-pulizija jew minn ufficjal iehor ta' awtorita ohra waqt il-qadi ta' dmirijiethom, jew ma halliex, jew fixkel jew b'xi mod bla jedd indahal fl-istess dmirijiet billi ma hallihomx jaghmlu jew hassar dak li kienu qed jaghmlu.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali, tat-2 ta' Frar, 2016 li biha sabet lill-imputat hati ta' l-imputazzjoni migjuba kontra tieghu u kkundannatu ghal-multa komplessiva ta' €750.00;

Rat ir-rikors tal-appell tal-appellant Jason Paul Ciantar, pprezentat fir-registru ta' din il-Qorti fid-9 ta' Frar, 2016, li permezz tieghu talab lil din il-Qorti tikkonferma dik il-parti tas-sentenza fejn sabet lill-appellant hati tal-imputazzjonijiet migjuba fil-konfront tieghu izda thassar u tirrevoka l-parti tas-sentenza li biha kkundannat u ghall-multa komplessiva ta' seba' mija u hamsin Euro (€750) u minflok tinfliggi piena aktar idonea skond ic-cirkostanzi ta' dan il-kaz;

Rat l-aggravji tal-appellant;

Semghet lid-difensur tal-appellant u lill-Avukat Generali;

Rat l-atti u d-dokumenti kollha;

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellant esebita mill-prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti;

Ikkunsidrat:

1. Illi dan l-appell jirrigwarda unikament il-piena erogata mill-ewwel Qorti bil-gravami singolari illi l-ewwel Qorti kominat piena li hija aktar minn dik kontemplata fil-ligi. Il-lanjanza tal-appellant hi li fir-rigward tal-ewwel imputazzjoni l-piena erogabbli kienet ta' ammenda bejn €25 u €60 filwaqt illi t-tieni imputazzjoni kienet timporta l-piena applikabbli ghall-kontravvenzjonijiet u ghalhekk l-imposizzjoni ta' multa ta' €750 tmur 'l hinn minn dik kontemplata fil-ligi. L-Avukat Generali jaqbel mas-sottomissjoni tal-appellant;

2. Ezaminati l-atti processwali jirrizulta illi l-ewwel imputazzjoni hija dik ravvizata fir-regolament 36(3) tal-Ligi Sussidjarja 368.02 . Skond is-subregolament 7 (a) sa (f) tar-regolament 44, l-ewwel imputazzjoni timporta piena ta' bejn €25 u €60 (sic.), minghajr ma tissemma l-kelma "ammenda" jew "multa". Dan gia kien osservat fis-sentenza ta' din il-Qorti Il-Pulizija vs Carmelo Sammut deciza fit-30 t'Ottubru 2017 bil-konsegwenza li ma tista' tkun erogabbli ebda piena ghal ksur ta' dan ir-regolament;

3. Kwantu t-tieni imputazzjoni, ma hemm xejn li din il-Qorti tista' zzid ma' dak osservat mill-appellant. Ksur tal-kontravvenzjoni ravvizata fl-artikolu 338(ee) tal-Kodici Kriminali hi soggetta ghal-piena kontravvenzjonali kontemplata fl-artikolu 7(2) Kap 9, jigifieri tad-detenzzjoni sa massimu ta' xaharejn (art 12(2), l-ammenda minn minimu €6.99 sa massimu ta' €58.23, detenzjoni (artikolu 13) jew canfira jew twiddiba (sakemm ma tkunx stabbilita' piena ohra skond il-kaz);

4. L-appell ghalhekk qed ikun akkolt u konsegwentement qed tvarja s-sentenza appellata billi tkun konfermata f'dik il-parti li fiha l-appellant kien misjub hati tal-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu, qed tkun mhassra f'dik il-parti li biha kien ikkundannat ghal-hlas ta' multa ta' €750 u minflok qed tikkundannah ghal hlas ta' ammenda ta' €58.23.